MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Jamal El Badawi**
**(ID: 23508A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Jawal El Badawi** talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar it-02 ta' Jannar 2018 bejn is-saghtejn u kwart ta' filghodu (02.15hrs) u t-tlieta neqsin ghoxrin ta' filghodu (02.40hrs) gewwa Paceville, San Giljan ikkommetta serq ta' mobile phone ta' tip Iphone ghad-detriment ta' Jacob Dideriksen Nielsen, meta is-serq kien ikkwalifikat bl-ammont u bil-hin; (Art. 261c, 261f, 267, 270, 279 (a), 280 (1), Kap. 9);

2. U aktar talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar it-02 ta' Jannar 2018 bejn is-saghtejn u kwart ta' filghodu (02.15hrs) u t-tlieta neqsin ghoxrin ta' filghodu (02.40hrs) gewwa San Giljan attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew

ta’ ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti; (Art. 96 Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

3. U aktar talli, f’dawn il-Gzejjer, nhar it-02 ta’ Jannar 2018 bejn is-saghtejn u kwart ta’ filghodu (02.15hrs) u t-tlieta neqsin ghoxrin ta’ filghodu (02.40hrs) gewwa San Giljan ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz; (Art 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

4. U aktar talli, f’dawn il-Gzejjer, nhar it-02 ta’ Jannar 2018 bejn is-saghtejn u kwart ta’ filghodu (02.15hrs) u t-tlieta neqsin ghoxrin ta’ filghodu (02.40hrs) gewwa San Giljan ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta’ min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom; (Art. 338 (ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

5. U aktar talli, f’dawn il-Gzejjer, nhar it-02 ta’ Jannar 2018 bejn is-saghtejn u kwart ta’ filghodu (02.15hrs) u t-tlieta neqsin ghoxrin ta’ filghodu (02.40hrs) gewwa San Giljan kiser il-bon ordni b’ghajjat u glied; (Art. 338 (dd), Kap. 9);

6. U aktar talli bejn nhar is-27 ta’ Jannar 2018 ghall-habta tal-hdax ta’ filghaxija (23.00hrs) u nhar it-28 ta’ Jannar 2018 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu gewwa Paceville, San Giljan attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti; (Art. 96 Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

7. U aktar talli bejn nhar is-27 ta’ Jannar 2018 ghall-habta tal-hdax ta’ filghaxija (23.00hrs) u nhar it-28 ta’ Jannar 2018 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu gewwa Paceville, San Giljan ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz; (Art 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

8. U aktar talli bejn nhar is-27 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (23.00hrs) u nhar it- 28 ta' Jannar 2018 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu gewwa Paceville, San Giljan f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra; (Art 338 (ff) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

9. U aktar talli bejn nhar is-27 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (23.00hrs) u nhar it-28 ta' Jannar 2018 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu gewwa Paceville, San Giljan ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom; (Art. 338 (ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

10. U aktar talli bejn nhar is-27 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (23.00hrs) u nhar it-28 ta' Jannar 2018 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu gewwa Paceville, San Giljan kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied; (Art. 338 (dd), Kap. 9);

11. U aktar talli bejn nhar is-27 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (23.00hrs) u nhar it-28 ta' Jannar 2018 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu gewwa Paceville, San Giljan qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku. (Art. 338 (dd), Kap. 9).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Rat illi l-prosekuzzjoni irtirat it-tieni u s-sitt imputazzjoni filwaqt li ddikjarat li l-mobile mertu tal-ewwel imputazzjoni gie ritornat lil sidu;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-hames, tas-seba', tat-tmien, tad-disa', tal-ghaxar u tal-hdax-il imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-hames, tas-seba', tat-tmien, tad-disa', tal-ghaxar u tal-hdax-il imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija pero` jrid jifhem illi l-membri tal-Korp qeghdin hemm biex izommu l-ordni u mhux biex jigu sfidati. Li kieku din il-Qorti kellha tippermetti dan, allura f'pajjizna tirrenja l-gungla. L-imputat iddikjara quddiem din il-Qorti li fehem li l-komportament tieghu huwa hazin u li kien lest li jbiddel il-mod kif igib ruhu.

Illi din il-Qorti fehmet lill-imputat illi hija kienet disposta li taghtih cans izomm 'il boghod mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin pero` huwa jrid jaghmel hiltu kollha biex ma jirrepetix komportament li jerga' jwassal li jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu ghaliex jekk isir hekk allura l-imputat ma jkun jisthoqqlu l-ebda hniena.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 95, 261 (c), 261 (f), 267, 270, 279 (a), 280 (1), 338 (ee), 338 (dd) u 338 (ff) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Jamal El Badawi** ħati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-hames, tas-seba', tat-tmien, tad-disa', tal-ghaxar u tal-hdax-il imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tigi sospiża għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum u ghal multa ta' elf u mitt ewro (€1100)** filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tas-sitt imputazzjoni stante li dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur